# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 30 ta' Settembru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**
**vs**
**Jesmond Cassar**

**Drogi Numru 175/2019**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Jesmond Cassar ta' 42 sena, bin il-mejjet Emanuel u Mary Anne nee' Veneziani, imwieled Pieta' fis-07 t'Ottubru 1974, temporjament residenti fis-Sezzjoni Forensika gewwa l-Isptar Mount Carmel u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 509274M.

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Jannar 2016 ghall-habta tas-19:00hrs, u hinijiet qabel waqt li kient fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u f'dawn il-gzejjer:-

1. Kellu fil-pussess tieghu id-droga Herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regoli 1939 dwar il-kontroll Interni tad-Drogi Perikoluzi

(G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli b'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta' l-Avukat Generali[1] mahrug a tenur ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni.

Rat li minkejja li l-kawza kienet ilha differita ghall-provi tad-difiza mill-20 ta' Frar 2020[2] l-imputat naqas li jressaq provi.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma nhar it-22 ta'Lulju 2021[3] meta l-imputat rega' naqas li jressaq provi ghalhekk il-provi tad-difiza gew dikjarati maghluqa u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew fit-22 ta' Jannar 2016 meta l-imputat kien detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

## IL-PROVI

Illi fid-depozizzjoni taghha[4] l-ufficjal prosekutur l-**Ispettur Priscilla Caruana Lee** spjegat li fit-22 ta' Jannar 2016 waqt li kienu qed isiru spezzjonijiet f'Division 5 fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin f'cella numru 193 instabu oggetti relatati ma'l-uzu ta' droga u cioe foil mahruq u pipa tal-karti; din ic-cella kienet

---

[1] A fol 19.
[2] Ref verbal a fol 110; dak in-nhar il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi u l-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza.
[3] A fol 118.
[4] A fol 44.

okkupata mill-imputat. L-Ispettur Caruana Lee hadet l-istqarrija ta'l-imputat li giet esebita in atti[5]; f'din l-isqtqarrija l-imputat ma rrisponda l-ebda domanda li saritlu. In kontro-ezami x-xhud ikkonfermat li din l-istqarrija ittiehdet fit-28 ta' Awwissu 2016 meta kien rikoverat f'l-isptar Monte Carmeli. Ix-xhud esebit ukoll sentenza mghotija fil-konfront ta'l-imputat nhar is-16 ta' Lulju 2019[6].

Illi xehedu diversi ufficjali mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin:

- **CO1 Christopher Azzopardi**[7] jghid li fit-22 ta' Jannar 2016 hu u kollegi tieghu ghamlu tfixxija fic-cella ta'l-imputat, f'Division 5. Hemm, fuq xkaffa sabu foil mahruq u foil irrumblat f'forma ta' sigarett. Ix-xhud ma setax jiftakar jekk it-tfixxija kenitx wahda random jew ghax kienu inbtaghtu specifikatament biex ifittxu f'dik ic-cella. In kontro-ezami ikkonferma li l-foil kien fuq xkaffa u li kien vizibbli. Qal ukoll li meta ghamlu it-tfixxija l-imputat kien fic-cella qal ukoll li ma jafx kemm kien ilu li gie trasferit f'dik ic-cella. In ri-ezami specifika li f'Division 5 fic-cellel persuna wahda biss toqghod. Ix-xhud qal ukoll li l-imputat ikkopera maghhom waqt it-tfixxija. Ikkonkluda billi jghid li l-oggetti misjuba gew impoggija go evidence bag u mghoddija lill-pulizija.

- **C046 Robert Cassar**[8], li huwa stazzjonat it-taqsima tal-klieb, ikkonferma li huwa kien ippartecipa fit-tfixxija li saret fic-cella ta'l-imputat u li l-oggetti li nstabu gew mghoddija lil PS 285 mill-ghassa ta' Rahal l-Gdid. In kontro-ezami jghid li ghalkemm huwa stazzjonat fis-sezzjoni tal-klieb dak in-nhar ma kellux kelb mieghu waqt it-tfixxija. Zied jghid li jaf li l-imputat kien ilu l-habs pero ma kienx jaf kemm kien ilu f'dik ic-cella; kien jaf pero li mbaghad ma baqax f'dik ic-cella. Ix-xhud spjega ukoll li fic-cellel normalment ikun hemm mejda zghira u xkaffa fuqha, u xkaffar man-naha l-ohra pero ma jiftakarx fuq liema miz-zewg xkaffef instab il-foil. Zied ukoll li ghalkemm kienu erba' ufficjali fic-cella ma jkunux qed ifittxu kollha f''l-istess post u kien CO1 li sab il-foil. In ri-ezami ix-xhud spjega li f'Division 5 m'hemmx hafna inmates u c-cellel qeghdin kollha f'livell wiehed; spjega ukoll meta l-inmate jkun barra mic-cella jibqa f'dak l-istess livell u ghalkemm il-bieb tac-cella ma jkunx imsakkar l-inmate jkun jista jara jekk xi hadd jidhol fic-cella ghax hu jkun qieghed barra hdejn ic-cella stess.

- **CO108 Elvin Gatt**[9] ikkonferma li saret tfixxija fic-cella ta'l-imputat u li t-tfixxija kienet random; ikkonferma ukoll li l-bicciet tal-foil sabhom CO1 fil-prezenza ta'l-imputat. In kontroezami jghid li ma jafx fuq liema xkaffa instabu l-foil ghaliex huwa kien qieghed ifittex fil-gwardarobba, pero jaf li

---

[5] Dok PC2 a fol 48.
[6] Dok PC3 a fol 88; din giet esebita waqt depozizzjoni sussegwenti (a fol 86)
[7] Depozizzjoni a fol 50.
[8] Depozizzjoni a fol 55.
[9] Depozizzjoni a fol 60.

meta CO1 sab il-foil urihom lill-imputat. Aktar minn hekk ix-xhud qal li C01 sab il-foil fuq xkaffa pero ma jafx jekk kienu immedjatament vizibbli jew jekk kellux iqalleb biex isibhom. Ix-xhud specifika ukoll li c-cellel jinfethu fit-08.00hrs u jinghalqu fin-12.30hrs u jergghu jinfethu mis-14.00hrs sa' l-16.00hrs u mill-17.00hrs sat-20.30hrs, pero kull inmate jista' jitlob li c-cella tinghalaq. Mistoqsi jekk ic-cella kienet maghluqa jew le meta ghamlu t-tfixxija x-xhud ma ftakarx.

- **CO13 Ian Cuschieri**[10] ikkonferma l-verzjoni mghotija mill-kollegi tieghu u cioe li saret random search fic-cella ta'l-imputat u li kien CO1 li sab il-bicciet tal-foil; ikkonferma ukoll li fil-hin li saret it-tfixxija, ghall-habta tas-sebgha jew is-sebgha u nofs ta' fil-ghaxija ic-cellel f'Division 5 ikunu miftuhin. In kontro-ezami qal li CO1 sab il-bicciet tal-foil ftit wara li bdew it-tfixxija. Mistoqsi dwar il-komportament ta'l-imputat ix-xhud qal li l-imputat dejjem gab ruhu sewwa mieghu.

- **CCO Helenio Galea**[11] spjega li fit-22 ta' Jannar 2016 l-imputat l-ewwel kien fit-Taqsima Forensika f'l-Isptar Monte Carmeli u gie trasferit ghal Division 5 fic-cella 193. In kontro-ezami[12] ix-xhud specifika li originarjament l-imputat kien qieghed f'divisjonijiet ohra u f'l-10 ta' Jannar 2016 gie trasferit ghac-cella 193 f'Division 5. Fit-13 ta' Jannar 2016 ittiehed it-Taqsima Forensika f'l-Isptar Monte Carmeli fejn dam sat-22 ta' Jannar 2016 meta rega gie trasferit lura f'cella 193 f'Division 5; dak in-nahr stess u wara l-incident in ezami gie trasferit ghal Division 6. Ix-xhud spjega li meta inmate jittiehed it-Taqsima Forensika ic-cella li jkun jokkupa tissakkar b'sistema ta' double lock u ma tergax tinfetah qabel ma l-inmate jerga jirritorna mit-Taqsima Forensika. Ix-xhud esebixxa ukoll l-okkorrenza ta' Division 5 u tac-Central Hall[13]; minn dawn id-dokumenti u d-depozizzjoni tax-xhud jirrizulta li fit-22 ta' Jannar 2016 l-imputat gie lura mit-Taqsima Forensika f'14.00hrs u rega dahal f'Division 5 fic-cella 193 ghall-habta ta' 14:57hrs; mbaghad gie trasferit ghal Division 6 ghall-habta ta' 19:50hrs.

Illi xehed ukoll **PS285 Geoffrey Cutajar**[14] li kkonferma li r-rapport dwar dan l-incident kien sar f'l-ghassa ta' Rahal l-Gdid; huwa mar il- Facilita Korettiva ta' Kordin u l-oggetti li kienu nstabu gew mghoddija lilu f'evidence bag. Huwa informa lill-Ispettur Caruana Lee u zamm l-evidence bag biex l-oggetti jinghatw lilll-esperti. Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza dwar dan il-kaz[15]

[10] Depozizzjoni a fol 73.
[11] Depozizzjoni a fol 79.
[12] U kif jirrizulta mid-dokument esebit mix-xhud Dok HG1 a fol 84.
[13] Dok HG2 a fol 107 u Dok HG3 a fol 109; dawn gew esebiti waqt depozizzjoni sussegwenti ( a fol104).
[14] Depozizzjoni a fol 67.
[15] Dok GC1 a fol 71.

Illi b'relazzjoni ma' dan il-kaz kienet inzammet inkjesta[16] fil-kors ta' liema kienu gew nominati PS422 Neil Caruana u Dr Godwin Sammut bhala esperti.

Illi **PS422 Neil Caruana** kien gie nominat bhala *scene of crime officer* biex jaghmel xoghol ta' fotografija. Huwa ha r-ritratti ta'l-oggetti misjuba u prezenta r-relazzjoni tieghi[17].

Illi **Dr Godwin Sammut** gie nominat bhala espert spizjar. Mir-relazzjoni tieghu[18] jirrizulta li, ai fini ta'l-analizi, huwa inghata evidence bag li fih kien hemm bicca foil bit-tpicpis ta' lewn kannella u foil irriumblat[19]. Mill-analizi li saret fuq estratti mehuda minn mill-foil imsemmi instabet s-sutanza eroina.

Illi kif intqal **l-imputat** gie interrogat mill-ufficjal prosekutur u rrilaxxja stqarrija li fiha  pero l-imputat ma rrisponda ghall-ebda domanda li saritlu. Ghalhekk din l-istqarrija m'ghandha l-ebda valur probatorju ghaliex minnha ma jemergi l-ebda fatt li jista jsostni l-imputazzjonijiet migjuba mill-prosekuzzjoni hekk kif ma jemergi l-ebda fatt li jista' jimmilita favur l-imputat.

## L-Imputazzjonijiet

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li fit-22 ta' Jannar 2016 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina.

Illi mill-atti processwali jirrzultaw diversi fatti:

- L-imputat kien ilu zmien detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin meta f'l-10 ta' Jannar 2016 gie trasferiet f'Division 5 fic-cella numru 193.
- Fit-13 ta' Jannar 2016 ittiehed it-Taqsima Forensika f'l-Istar Monte Carmeli.
- F'dan il-perjodu ic-cella ta'l-imputat, cioe dik bin-numru 193 f'Division 5, tigi imsakkra b'double lock.
- L-imputat ingieb lura fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin fit-22 ta' Jannar 2016 u ghall-habta ta' 14:57hrs, huwa rega ddahhal fic-cella numru 193 f'Division 5.
- Ghall-habta tas-19:00hrs saret spezzjoni ghall-gharrieda fic-cella ta' l-imputat u hemm instabu bicciet tal-foil: wahda mahruqa u ohra f'forma ta' sigarett (pipa).
- L-imputat kien l-unika okkupant ta' din ic-cella.

[16] Ref Proces' Verbal a fol 24.
[17] Dok NGC  a fol 30.
[18] Dok GS1 a fol 36.
[19] Dawn l-oggetti jifhru mir-ritratti mehuda u formnati parti mir-relazzjoni ta' PS422 Neil Caruana.

Illi mill-analizi li saret minn Dr Godwin Sammut fuq dawk il-bicciet ta' foil irrizulta li almenu fuq wahda minnhom kien hemm ticpis kanella u z-zewg bicciet instabu pozittivi ghall-eroina.

Illi minn dan il-kwadru ta' fatti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li fic-cella okkupata mill-imputat kien hemm l-eroina. Ghalkemm l-imputat kien ghamel perjodu ta' zmien fit-Taqsima Forensika f'l-Isptar Monte Carmeli, fil-perjodu li huwa kien hemm ic-cella tieghu fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin kienet imsakkra u hadd ma seta' jidhol fiha. Aktar minn hekk il-foil instab f'l-istess gurnata li huwa ingieb lura mit-Taqsima Forensika wara li kien ilu fic-cella tieghu kwazi hames sieghat. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija konvinta li dak il-foil bit-tracci ta' l-eroina fuqhom kienu ta'l-imputat.

Illi in vista tas-suespost l-ewwel imputazzjoni hija pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-recidiva ai termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in sostenn ta' dan l-addebietu giet prezentata sentenza mghotija fil-konfront ta' l-imputat nhar is-16 ta' Lulju 2014 permezz ta' liema wara li nstab hati tar-reati hemm indikati l-imputat gie ikkundannat tmintax il-xahar prigunerija u multa ta' elfejn Euro.

Illi ai termini ta'l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

Illi mbaghad ai termini ta'l-artikolu 50 ta'l-istess Kapitolu 9 *meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi ghalhekk biex persuna tigi trattata bhala recidiva l-prosekuzzjoni trid l-ewwel iggib prova ta' xi kundanna precedenti fil-konfront ta' dik il-persuna u li s-sentenza minn liema tirrizulta dik il-kundanna ghaddiet in gudikat. Biex ikun applikabbli l-artikolu 50 irid jigi pruvat ukoll li r-reat il-gdid gie kommess fi zmien ghaxar snin jew hames snin (skond jekk il-piena ta' prigunerija tkunx teccedi hames snin) minn meta giet skontata l-piena precedenti.

Illi fil-kaz in ezami hemm prova ta’ sentenza mghotija fil-konfront ta’l-imputat odjern, fatt li jista jigi stabbilit mill-konnotati tieghu dettaljati fis-sentenza esebita, u hemm prova li permezz ta’ din is-sentenza l-imputat gie ikkundannat tmintax il-xahar prigunerija u multa ta’ elfejn Euro. Ma ngiebitx prova ta jekk dik is-sentenza ghaddietx in gudikat, jekk u meta gietx skontata il-piena karcerarja, u jekk u meta thallsietx il-multa. Fin-nuqqas ta’ din il-prova ma jistax jinghad li  li hemm prova fil-grad rikjest mill-Ligi ta’ kundanna kif jirrikjedu l-artikoli 49 u 50 fuq citati.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x’jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi f’l-ewwel lok jinghad li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u la darba ir-reat in ezami sehh meta l-imputat kien detenut fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, il-piena *għandha tiżdied bi grad jew tnejn u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u tal-Att dwar il-Probation ma għandhomx japplikaw*. Dan ifisser li l-piena necessarjament ghandha tizdied almenu bi grad u fid-diskrezzjoni tal-Qorti anke b’zewg gradi.

Illi mill-piena prospettata ghar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat ai termini ta’l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta hija dik ta’ prigunerija ghal mhux anqas minn tlett xhur u mhux aktar minn tnax il-xahar, jew  multa  ta’  mhux  inqas minn erba’ mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) u mhux aktar minn elfejn,  tliet  mija  u  disgha  u ghoxrin  euro  u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), jew dik il-prigunerija u l-multa flimkien. Jekk il-piena tizdied bi grad, ai termini ta’l-artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-multa issir prigunerija ta’ mhux aktar minn tlett xhur,  u l-prigunerija ta’ tlett xhur sa tnax il-xahar issir prigunerija minn sitt xhur sa tmintax il-xahar.

Illi tenut kont tal-fedina penali ta’ l-imputat li hija wahda refrettarja ghall-ahhar u turi sensiela ta’ kundanni ghal diversi reati tul perjodu twil ta’ snin il-Qorti hija tal-fehma li ghandha timponi il-piena ta’ prigunerija mizjuda bi grad. Min-naha l-ohra u tenut kont tad-dekors taz-zmien minn meta sehh ir-reat li tieghu qed jinstab hati il-Qorti hija konvinta li ghandha timponi perjodu ta’ prigunerija fil-minimu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-addebietu tar-recidiva u tilliberah minnu, wara li rat l-artikoli 33A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u it-Taqsimiet 4 u 6, u l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 ta’l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u **tikkundannah sitt xhur prigunerija**. In oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed

**tikkundanna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' mija u tmenin Euro u sbatax il-centezmu (€180.17) rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti**. In konkluzzjoni il-Qorti qed tordna **d-distruzzjoni tal-oggetti kollha elevati mill-pussess ta' l-imputat u esebiti mill-espert Dr Godwin Sammut f'l-atti ta'l-inkjesta,** dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**